MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1084/2011

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta**
**estera Sony Computer Entertainment Europe Limited**

**vs**
**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Katrina Zammit Cuomo**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti kunsinjatarju ARDH AL HADHARAT ELECT DEVICE TR**
**b'digriet tat-8 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-4 ta' Novembru 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Sony Computer Entertainment Europe Limited ta'

10, Great Marlborough Street, London W1F 7LP, UK, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

1. Illi s-socjeta rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati kemm mal-Ufficcju tal-Propjeta' Industrijali ta' Malta kif ukoll bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea fost liema hemm s-segwenti drittijiet relatati mal-importazzjoni odjerna: (a) il-kelma msejjha 'Playstation' liema kelma hija protetta mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 1545094 (Dok. SCEE1); (b) is-simbolu PS family logo liema dritt huwa protett mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 9230723 (Dok. SCEE2); u (c) is-simbolu PS2 liema dritt huwa protett mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 1421981 (Dok. SCEE3);

2. Illi fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) ir-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru GESU 3463641 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur c/vessel VICTORIA fit-2 ta' Ottubru 2011 liema container kien fih tmien mija u erbgha u tletin elf u mitejn (834,200) il-loghba inkluz *discs* u ppakkeggjar kollha bil-marjki 'Playstation', 'PS Family Logo' u xi whud bil-PS2, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta intelletwali (Dok. SCEE4);

3. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li dawn loghob inkluz discs u ppakkeggjar hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kliem u s-simboli 'Playstation', 'PS Family Logo' u l-PS2

u kienu gew manifatturati w esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Computer Entertainment Europe Limited, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali ta’ Sony Computer Entertainment Europe Limited u dan skond ir-rapport li ser jigi pprezentat fil-mori tal-kawza;

4. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

5. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa ARDH AL HADHARAT ELECT DEVICE TR mill-UAE, u dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru SY1271860 (Dok. SCEE5);

6. Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll tal-artiklu 10(2)(b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 14-19 tal-istess Kap. 416 u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap. 414;

7. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforzaw l-jeddijiet taghhom;

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’loghob inkluz discs u ppakkeggjar li fuqhom hemm il-kliem u s-simboli ’Playstation’, ’PS Family Logo’ u l-PS2, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru GESU 3463641 kontenenti l-imsemmija dvd’s u loghob, huma kontrafatti u jikkontravvjenu d-drittijiet ta’

proprjeta intelletwali tas-socjeta rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited fir-rigward tat-trademark taghha: (a) il-kelma msejjha ‘Playstation’ liema kelma hija protetta mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 1545094 (Dok. SCEE1); (b) is-simbolu PS family logo liema dritt huwa protett mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 9230723 (Dok. SCEE2) ; u (c) is-simbolu PS2 liema dritt huwa protett mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 1421981 (Dok. SCEE3) u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali loghob inkluz discs u ppakkeggjar ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi l-imsemmija oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess oggetti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. SCEE1 sa Dok. SCEE6;

Rat id-digriet tat- 8 ta’ Mejju 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-5 ta' Gunju 2012 fejn ecceppew:

Ili huma ma jafux bil-fatti li waslu ghall-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar 'il quddiem;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Gunju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Peter Fenech nomine li ddikjara li hu pprezenta l-provi kollha u ma kellux x'izied;

Il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolu ghat-18 ta' Lulju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi drittijiet registrati kemm fir-Registru tal-Markji f'Malta, kif ukoll dawk Komunitarju fosthom il-kelma 'Playstation' bin-numru CTM 1545094; is-simbolu PS family logo bin-numru CTM 9230723; u s-simbolu PS2 bin-numru CTM1421981 u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti SCEE1 sa SCEE3.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru GESU3463641 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur VICTORIA li kien dahel Malta fit-2 ta' Ottubru 2011 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' loghob inkluz discs u ppakkeggjar li jgibu l-markji distintiv tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti fi tmien mija u erbgha u tletin elf u mitejn (834,200) loghba inkluz *discs* u ppakkeggjar kollha bil-markji 'Playstation', 'PS Family Logo' u xi whud bil-PS2 u dan bi ksur tal-

projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 2 ta' Novembru 2011 (Dok. C a fol. 59) maghmul minn Carolina Pastore, Intellectual Property Enforcement Manager tas-socjeta rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. SCEE1 sa Dok. SCEE6 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludu l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. B) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Carolina Pastore li kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess konsenja mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (Dok. B) datat 8 ta' Gunju 2012. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi, it-tmien mija u erbgha u tletin elf u mitejn (834,200) loghba inkluz *discs* u ppakkeggjar kollha bil-markji 'Playstation', 'PS Family Logo' u xi whud bil-PS2 in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ tmien mija u erbgha u tletin elf u mitejn (834,200) loghba inkluz *discs* u ppakkeggjar kollha bil-markji ‘Playstation’, ‘PS Family Logo’ u xi whud bil-PS2, b’Container Numru GESU 3463641 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f’isem is-socjeta rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. B;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------